**15 ta' Diċembru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Bajada

**Reperti**

*Jekk il-kawtieli u l-formalitajiet stabbiliti mil-liġi għar-reperti ma jkunux jistgħu jsiru sewwa, jitħalla fid-diskrezzjoni ta' l-uffiċjal inkarigat minnhom biex minflok jieħu dawk il-miżuri li jkunu jidhrulu opportuni skond iċ-ċirkostanzi.*

*Minkejja l-inosservanza tal-proċedura tar-repert il-Qorti kienet sodisfatta li l-prova ġiet magħmula suffiċjentement skond il-liġi permezz ta' l-istess oġġetti.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat talli f'Għawdex fit-23 ta' Settembru, 1989, kellu fil-pussess tiegħu

d-droga ħerojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini Perikolużi Kap. 101 meta ma kienx fil-pussess ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-importazzjoni maħtruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni drogi u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija kienet ġiet fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif ipprovdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 għall-kontroll Intern tad-drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) Act. VIII ta' l-1986; u li huwa għandu jiġi meqjus bħala reċidiv għat-tenur ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 billi kien ġie kkundannat għal reat b'sentenza li ma tistax iżjed tiġi mħassra;

Rat is-sentenza ta' l-10 ta' Lulju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) illiberat lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet billi ma sabitux ħati tagħhom ;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza, ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat is-sentenzi tagħha tad-9 ta' Jannar, 1992 u ta' l-14 ta' Mejju, 1992 li bihom ċaħdet rispettivament l-eċċezzjonijiet issollevati mill-imputat appellat ta' l-irritwalità u nullità tal-proċeduri u ta' l-inappellabilità da parti ta' l-Avukat Ġenerali tas-sentenza appellata;

Rat l-atti l-oħrajn u tikkonsidra illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli, kif jirritjeni hu, l-ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta sabet lill-imputat mhux ħati u lliberatu mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu;

2. Il-fatti in kwistjoni huma dawn. Fit-23 ta' Settembru, 1989 P.S. 812 Spiteri, P.C. 1346 Anton Schembri u P.C. 1348 Lupi marru x-Xagħra, Għawdex biex jissorveljaw lill-imputat. F'ċertu mument issuspettaw ħażin fil-komportament ta' l-imputat. Għalhekk daħħluh fil-karozza li kienu biha, u saqu mix-Xagħra lejn ir-Rabat biex jieħduh l-Għassa tal-Pulizija ta' hemmhekk. Fit-triq waqfu, imblukkati minn "*traffic jam*". Kif kienu weqfin, l-imputat, li kien wara fetaħ il-bieba tal-karozza u ttenta joħroġ. P.C. Schembri, li kien bil-qiegħda ħdejh ħatfu mill-qmis, żammu u daħħlu lura fil-karozza. F'din il-manuvra, il-qmis ta' l-imputat tqattgħet b'mod li l-but tal-qmis b'xi oġġetti li kien fih ġie f'id P.C. Schembri. Dan baqa' jżomm f'idu dak il-but bl-oġġetti sa ma eventwalment waslu l-Għassa tar-Rabat. Hemmhekk it-tliet membri tal-Pulizija msemmijin daħħlu l-imputat f'ċella, u P.C. Schembri qiegħed il-but tal-qmis u l-oġġetti msemmijin fuq is-sodda li kien hemm fiċ-ċella. Dawk l-oġġetti kienu jikkonsistu fi tmien pakketti żgħar. P.C. Spiteri fetaħ wieħed mill-pakketti, u t-tlieta raw lil kien fih trab kannella. Issuspettaw li kienet droga, u wrewha lill-Ispettur Joseph Grech li kien l-Għassa;

3. L-Ispettur Grech ordna lill-P.C. Schembri biex it-tmien pakketti u l-but imsemmijin iżommhom hu, ċjoè P.C. Schembri, fil-*locker* tiegħu. P.C. Schembri kien jiġi nnominat "*scene of the crime officer*" fl-inkjesti, u kellu *locker* li fih kien iżomm

l-oġġetti konnessi max-xogħol tiegħu;

4. L-Ispetter ordna wkoll li ssir tfittxija fid-dar ta' omm l-imputat, fejn dan kien joqgħod ix-Xagħra. F'din id-dar il-Pulizija sabet bott deskritt bħala vojt, u elevatu. P.C. Schembri refgħu fil-*locker* tiegħu;

5. Il-pakketti u l-bott imsemmijin ġew esibiti f'dawn l-atti. Mill-eżami li sar tagħhom irriżulta li l-pakketti kienu jikkontjenu ħerojina u l-bott kien fih traċċi ta' ħerojina. L-ewwel Qorti b'danakollu ma sabitx ħtija fl-imputat, u dan għas-segwenti motivi;

6. Kwantu għall-pakketti bil-ħerojina, l-ewwel Qorti kkommentat li s-sejba tal-pakketti fuq il-persuna ta' l-imputat kienet saret esklusivament minn P.C. 1346 Anton Schembri, u aċċidentalment billi P.C. Schembri kien ħataf lill-imputat mill-qmis biex iżommu milli jaħrab P.C. Schembri ma qalilhomx b'dik is-sejba lil P.S. Spiteri u lil P.C. Lupi qabel ma kienu waslu l-Għassa. Jiġifieri l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni li jista' jorbot lill-imputat mal-pakketti tal-ħerojina huwa P.C. Schembri. L-oħrajn ikkorroborawh biss f'ċerti ċirkostanzi. Għalhekk, irriteniet l-ewwel Qorti, għal dak li jirrigwarda l-prova tal-pussess tal-pakketti mill-imputat, hemm żewġ verżjonijiet kontradittorji, dik ta' P.C. Schembri u dik ta' l-imputat;

7. L-ewwel Qorti osservat ukoll li rriżultaw "diversi ċirkostanzi li jinfluwixxu fuq ir-regolarità tal-proċedura wżata mill-uffiċjali tal-Pulizija li wasslet għas-sejba ta' l-istess pakketti". L-ewwel Qorti allura kkonkludiet li l-konflitt fil-provi dwar il-pussess mill-imputat tal-pakketti, jimporta dubju raġonevoli li minnu għandu jibbenifika l-imputat;

8. Rigward il-pakketti in kwistjoni, m'hemmx dubju raġonevoli li P.C. Schembri ħataf il-qmis ta' l-imputat, u li l-but tal-qmis baqa' f'idu. P.C. Schembri ma kkommentax. Baqa' jżomm f'idu l-but li kien qabad. Huwa naturali li ma eżaminax dak li kellu f'idu. Di fatti kien it-23 ta' Settembru għall-ħabta tat-8.00 p.m., kif irriżulta, x'ħin ix-xemx kienet niżlet. Inoltre P.C. Schembri qabad dak il-but x'ħin kienu għaddejjin mill-aktar post mudlam wara Villa *Rundle,* kif irriżulta wkoll. Barra minn hekk P.C. Schembri kien moħħu biex ma jħallix lill-imputat jaħrab. Għalhekk huwa wisq verosimili li P.C. Schembri żamm dak li kellu f'idu bla ma ra x'kien sakemm waslu l-Għassa tal-Pulizija. Kien hemm, x'ħin waslu fiċ-ċella bl-imputat li P.C. Schembri, kif xehed hu "ħallejt il-but bl-oġġetti li kien fih fuq is-sodda". Mill-premess din il-Qorti ma għandhiex dubju raġonevoli li l-oġġetti li P.C. Schembri ħalla fuq is-sodda kienu preċiżament l-oġġetti li kien ħataf minn fuq l-imputat x'ħin kienu fil-karozza, kompriżi l-pakketti bil-ħerojina;

9. Kwantu għall-bott tal-*plastic* l-ewwel Qorti espremiet id-dubju dwar jekk it-traċċi ta' ħerojina li nstabu fih meta ġie esibit f'dawn l-atti fid-29 ta' Novembru, 1989 kinux fih meta l-bott kien ġie elevat mir-residenza ta' l-imputat xahrejn qabel fit-23 ta' Settembru;

10. Huwa veru li meta nstab dan il-bott, ma saritx il-proċedura tar-"repert" kif dispost fl-artikolu 558(1) tal-Kapitolu 9. L-iskop tar-repert kien ikun biex jiġi stabbilit dak inhar stess ta' l-elevażjoni tal-bott, jew kemm jista' jkun malajr, x'kien jikkontjeni dak il-bott. L-artikoli 568(1) Kapitolu 9 però, jiddisponi li jekk il-kawtieli u l-formalitajiet stabbiliti mil-liġi ma jkunux jistgħu jsiru sewwa, jitħalla fid-deskrizzjoni ta' l-uffiċjal inkarigat minnhom biex minflok jieħu dawk il-miżuri li jkunu

jidhrulu opportuni skond iċ-ċirkostanzi. Fil-każ preżenti Għawdex ma kienx hemm apparat għall-analiżi meħtieġa ta' l-oġġetti elevati. L-Ispettur deherlu li kienet suffiċjenti l-miżura li fil-fatt ħa, ċjoè li jħalli l-oġġetti msakkrin fil-*locker* ta' P.C. Schembri;

11. Minkejja l-inosservanza f'dan il-każ tal-proċedura tar-repert relattivament għas-sejbien tal-bott, kif ukoll tal-pakketti in kwistjoni, din il-Qorti hija sodisfatta li l-prova kontra l-imputat tal-pussess tal-ħerojina ġiet magħmulha suffiċjentement skond il-liġi permezz ta' l-oġġetti msemmijin;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellat u ssib lill-imputat ħati tar-reat dedott kontrih kontemplat fl-artikolu 9 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet u fir-regolamenti ċitati fl-imputazzjoni, u reċidiv skond l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u wara li rat l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tikkundannah ħames mitt lira Maltija (Lm500) multa. Tordna l-konfiska ta' l-oġġetti esibiti u l-konsenja tal-ħerojina lil Dottor Abela Medici biex jiddistruġġiha jew jiddisponi minnha kif jidhirlu opportun.